

# Kunċerti li ttellgħu sittin sena ilu fir-Radio City u d-Dances ta' nofs is-snin sittin



*Noel D'Anastas, B.LAIS (Melit.), M.Mal.Stud (Melit), Dip.LIS, A.Mus LCM*

Fl-ewwel sessjoni tal-ħames leġislazzjoni tal-Assemblea Leġislattiva miżmuma fil-Palazz il-Belt, proprju fis-seduta numru 189 tat-Tlieta, 30 ta' Lulju 1957, l-Onorevoli s-Sur Mike Pulis kien staqsa lill-Prim Ministru Duminku Mintoff kemm f'Malta hawn teatri miftuħa għall-arja u swali taż-żfin u f'liema ħin suppost li jtemmu d-divertiment, kull każ separat skont il-permess tal-pulizija.

L-Onorevoli Ġużè Ellul Mercer f'isem il-Prim Ministru kien wieġeb li n-numru ta' teatri jew ċinematografi fil-miftuħ f'Malta hu ta' tnax. Dawn kollha kellhom il-permess biex jibqgħu miftuħa sal-ħdax ta' billejl. In-numru ta' dance floors f'Malta kien ta' 35. Minn dawn, 22 kellhom il-permess li jibqgħu miftuħa sal-ħdax ta' billejl u tmienja oħra sa nofsillejl. Kien hemm ħames swali taż-żfin li l-permess kien sas-siegħa ta' filgħodu. F'Għawdex ma kienx hemm postijiet ta' divertiment bħal dawn.(1) Dawn il-postijiet kienu qed jawguraw attendenzi kbar fis-snin ta' wara, dawk tas-snin sittin.

Fil-Ħamrun kien hemm ħames ċinematografi, bl-akbar wieħed ikun il-Hollywood bil-Panoramic Screen li kien jesa' 1575 siġġu, ikkunsidrat bħala l-aktar ċinematografu f'Malta li kien jesa' nies, ferm aktar mill-Embassy u s-Savoy (ta' fuq) tal-Belt li kellhom kapaċità ta' 1516 u 1343 siġġu rispettivament, segwiti mill-Orpheum fil-Gżira li kellu spazju għal 1364 siġġu. Teatru ieħor kbir fil-Ħamrun kien ir-Radio City Opera House mgħammar bil-Westrex Sound System u Mirror Panoramic Screen bi 872 siġġu. L-Odeon kellu 841 siġġu, it-Trianon li kien armat b'Mirror Panoramic Screen kien jesa' 464 siġġu filwaqt li r-Rex kellhu 400 siġġu.(2)

Proprju f'dik is-sena, 1957, sittin sena ilu, l-Knisja kienet fi kruċjata kontra l-immoralità fl-ilbies, kontra ċ-ċinematografi u kontra dak li kien qed jindaqq u jinżifen l-aktar fil-jiem tal-Karnival li fis-sena ta' qabel kiser it-tradizzjoni u beda jsir fl-epilogu tar-Randan, Ħadd wara l-Għid il-Kbir. Il-mużika u ż-żifna l-ġdida tar-rock 'n roll issa kienu qabdu sew fl-art Maltija u l-film 'Rock Around the Clock' kien qed jagħmel furur fis-swali taċ-ċinema. F'April ta' dik is-sena, l-Kurja Arċiveskovili toħroġ ċirkulari li kienet inqrat fil-quddies kollu tal-Ħadd fejn ikkundannat r-rock'n roll.

B'dan kollu, iċ-ċirkulari maħruġa mill-Kurja ma ngħatatx widen u l-mużika rock 'n roll kienet qed tindaqq mhux biss fuq il-lożor taċ-ċinema, iżda fis-swali taż-żfin, fil-ħwienet tax-xorb, fil-jukeboxes u anke mill-artisti li kienu qed jiġu jagħtu xi spettaklu mużikali f'Malta.

L-1957 kienet waħda mis-snin memorabbli għal rappreżentazzjonijiet li ttellgħu fir-Radio City Opera House. F'Marzu ta' dik is-sena, Tony Scott and His Band kien qed jagħti bosta rappreżentazzjonijiet fir-Radio City. Ir-reporter ta' *Il-Berqa*, il-gazzetta mitbugħa minn Strickland House fil-Belt, jirrimarka li din il-banda hija waħda mill-aħjar li rajna f'pajjiżna. 'Hija għandha programm imżewwaq u varjat ħafna u tajbin b'numri sbieħ'.(3)

Tony Scott u l-banda tiegħu kienet mgħammra bi strumenti li jsawru effett tajjeb fi prestazzjonijiet ta' siltiet Mambos, cha-cha-cha kif ukoll mużika rock 'n roll 'ħaġa li llum saret inevitabbli', jistqarr ir-*reporter* ta' *Il-Berqa* għaż-żifna l-ġdida tar-rock 'n roll.

L-ammiraturi ta' din it-tip ta' mużika li marru jaraw lil Tony Scott kellhom l-okkażjoni jaraw ukoll lil Roy Hall, pjanista formidabbli Amerikan fil-ġeneru tar-rockabilly u songwriter. Ir-rappreżentazzjonijiet li tella' Tony Scott ma nkludewx rock 'n roll biss. Fil-programm kien hemm Nico Matera, li sena qabel kien ġie Malta jkanta kanzunetti Taljani, Carmen Solari li tkanta kanzunetti Sud-Amerikani u kontinentali, u l-kantanta Ċiniża Li Chin Li li tkanta kanzunetti ta' pajjiżi differenti.

Fil-band ta' Tony Scott kien hemm A. Maggi (magħruf bl-isem ta' Desè meta kien ġie Malta fil-bidu tas-snin ħamsin). Hu kien meqjus bħala ġenju tal-xylophone bl-interpretazzjonijiet tiegħu jaqilgħu applawsi kbar. Fil-programm tad-divertiment kien hemm il-juggling, u numru ta' żeffiena, fosthom Margaret McKendrick li żifnet numri mill-film 'Rock Around the Clock' kif ukoll xi Mambos.

L-aħħar żewġ rappreżentazzjonijiet ta' Tony Scott fir-Radio City kienu dawk tat-Tlieta, 26 ta' Marzu 1957.(4)

## Charles Camilleri u Don Wood jagħtu kunċerti fir-Radio City

Fl-istess xahar kien ittella' kunċert fir-Radio City minn Charles Camilleri li kien ġie għal btala ta' xahrejn f'Malta.(5) Charles Camilleri li kien għad kellu 25 sena, kien akkordjonista per eċċellenza u magħruf sew, ikkunsidrat fost l-aqwa fid-dinja tant li kien tella' kunċerti barra fosthom fir-Royal Theatre fl-Ingilterra. Kellu bosta kritika tajba minn Collie Knox u Peter Black tad-*Daily Mail*; mill-kritiku famuż tad-*Daily Telegraph*, u minn Chris Hayes tal-*Melody Maker*. Camilleri kellu diġa diski rrekordjati. Il-kunċert fir-Radio City fil-Ħamrun kien mistenni ħafna, sew mill-bosta ammiraturi tiegħu lokali kif ukoll għall-fatt li Camilleri kien se jerġa' jdoqq fil-villaġġ li twieled fih, il-Ħamrun.

Il-kunċert kien sar il-Ħamis, 21 ta' Marzu 1957. Camilleri kellu takkumpanjah orkestra ta' 20 mużiċist immexxija mis-surmast Carmelo Abela. Camilleri kien daqq mużika jazz u dance kif ukoll mużika klassika b'repertorju li estenda mill-'Fire Dance' ta' De Falla sal-mużika rock 'n roll li biha għalaq l-ispettaklu tiegħu. Fit-tieni parti tal-kunċert kien inkluda l-atturi tar-Radju Muskettieri u tal-iStage Commandoes; il-baned ta' Oscar Lucas u Val Valente u xi żeffiena.

Il-kritiku ta' *Il-Berqa* kien irrimarka li għalkemm Camilleri wera kapaċitajiet kbar fl-esekuzzjoni, fosthom fit-'Toccata and Fuge in D Minor' ta' Bach, minn naħa l-oħra l-opinjonista xtaq li Camilleri daqq aktar biċċiet u passaġġi solista.(6)



*Stage Commandos*

F'Marzu wkoll, il-kitarrista Olandiż Peter Van Wood li kien wieħed mill-pijunieri li uża l-kitarra elettrika b'effetti speċjali bħal echo u reverb kien ġie Malta għall-ewwel darba fejn ta tliet kunċerti b'attendenzi kbar li mlew ir-Radio City Opera House.

Ismu propja huwa Peter van Houten, imwieled f'The Hague. Beda jdoqq il-kitarra ta' 14-il sena u studja fil-Konservatorju Rjali ta' The Hague. Fl-istess żmien beda jisma lill-kitarristi l-kbar tal-jazz. Beda jdoqq f'bands żgħar f'diversi bliet fl-Olanda.

Van Wood kien mużiċista tajjeb. Fl-1949, hu kien mar jgħix fl-Italja fejn kien jagħmel parti mit-trio Carosone fejn irrekordjaw diversi albums għat-tikketta Pathè. Wara kien ingħaqad membru ieħor u l-grupp Carosone li miegħu kien idoqq Van Wood sar kwartett. Fl-1954, Van Wood kien telaq lill-grupp biex jiffoka fuq karriera solista. Huwa fforma l-kwartett tiegħu li kien iffirma kuntratt ma' Fonit u magħha nieda bosta diski b'suċċess, fosthom Butta la chiave, Via Montenapoleone, Tre numeri al lotto, Mia cara Carolina u Capriccio.




*Charles Camilleri fuq il-faċċata tal-magażin awtorevoli* Accordion Times *f'Mejju 1955*

Van Wood kien ġie Malta flimkien mal-kwartett tiegħu magħmul mill-pjanista Bruno de Lucia, il-kontrabaxxista Franco Cerri u d-drummer Aldo Buonomo. Fil-jiem li Peter Van Wood kien f'Malta, l-akkordjonista Charles Camilleri li kien fiż-żjara tiegħu f'Malta ħa l-opportunità u ltaqa' ma' Van Wood.

L-ammirazzjoni f'Malta lejn Van Wood kienet kbira tant li l-kitarrista reġa' ġie f'nofs Mejju ta' dik is-sena. Fi żjara ta' disat ijiem li għamel f'Malta, Van Wood u l-kwartett tiegħu kien ta tliet rappreżentazzjonijiet fit-Teatru Orpheum fil-Gżira nhar is-26 u s-27 ta' Mejju u fit-2 ta' Ġunju. Fit-30 ta' Mejju, Van Wood kien daqq fit-Teatru Hollywood fil-Ħamrun u fl-1 ta' Ġunju, ft-Teatru Savoy. L-organizzaturi ta' din iż-żjara kienu s-Sur Victor Aquilina u s-Sur E. Mangion. Ukoll waqt il-mawra tiegħu f'Malta, Van Wood ta programm ta' nofs siegħa fuq ir-Rediffusion kif ukoll wieġeb il-mistoqsijiet li s-semmiegħa għoġobhom jibgħatulu. Huwa rrekordja kompożizzjoni mużikali minn tliet kitarristi li kienu Van Wood inniffsu, Tony Agius u Franco Cerri li huwa mużiċista tajjeb ħafna.

## Id-Dances fir-Radio City u l-Hollywood fil-Ħamrun fis-sittinijiet

Fis-sittinijiet, id-dances f'Malta kienu popolari ħafna, l-aktar fix-xhur tax-xitwa għalkemm fis-sajf kienu jsiru dances f'postijiet fil-Belt u l-Ħamrun bid-differenza li fix-xitwa, f'lejla kienu jsiru ħames dances jew iżjed u kollha jkunu suċċess. Fis-sajf, bilkemm kont tiflaħ żewġ dances, għalkemm wieħed minhom dejjem ikun tajjeb kif kien jixhed il-fatt mill-ħafna żgħażagħ li kull nhar ta' Ħadd kienu jimlew it-teatru tar-Radio City fil-Ħamrun.

Il-mużika kienet l-element ewlieni biex iż-żgħażagħ jesprimu ruħhom. Tony Cassar Darien li fis-sittinijiet kien involut sew fl-Institute for Cultural Education (I.C.E.), wieħed mill-klabbs ewlenin fi ħdan il-Malta Mixed Youth Club jiftakar sew l-andament fl-organizzazzjoni li klabbs għall-adoloxxenti u ż-żgħażagħ bħal Teensville, Sparteens, Colorados, Jiveland, Gayteens, Valentines u oħrajn li kienu qed iwasslu u jistimulaw il-kurrent il-ġdid fil-bidla li kienet qed iġġib il-mewġa tal-Beatlemania u l-British Invasion u fuq kollox il-kwistjoni politika-reliġjuża bejn Mintoff u l-Arċisqof Gonzi.

Darien jiftakar id-dances kbar li l-I.C.E. kienet torganizza fir-Regina Hall u Alhambra tas-Sliema u oħrajn bi stil uniku. Jikkumenta hekk: 'Kien qed jiġi introdott tip ta' żfin ġdid bħax-Shake biex kulħadd jipparteċipa. Kien il-bidu tal-bands bil-kitarri, differenti mill-ensembles ta' Oscar Lucas, Jimmy Dowling, Vinnie Vella li kienu komposti minn strumenti tal-qasba, ramm u xi pjanu. Il-mużiċisti fil-bands tagħna kienu setgħu jiċċaqalqu aħjar mar-ritmu mużikali ta' songs popolari fil-Hit Parade u b'hekk kienet tinħoloq intimità u atmosfera mal-pubbliku.'

Bosta beat groups lokali kienu fl-aqwa tagħhom bħal The Graduates, The Boys, The Echoes, The Luvers u l-Bums (Malta Bums) li fit-tieni nofs tas-sittinijiet irrekordjaw il-Viva Malta - l-ewwel diska bil-Malti minn beat group.

## Id-Dances ta' nhar ta' Ħadd

Fix-xitwa, is-swali tal-lukanda Phoenicia fil-Furjana, dik tal-Università l-Qadima fil-Belt, il-Hollywood fil-Ħamrun u l-Palace Theatre f'Raħal il-Ġdid kienu l-mekka taż-żfin u kienu jkunu ppakjati biż-żgħażagħ jiżfnu għall-mużika moderna fosthom dik tal-Beatles, Rolling Stones, Dave Clark Five u tant oħrajn li għamlu s-snin sittin tad-deheb. Il-mużika kienet tindaqq live mill-beat groups lokali li kważi f'kull raħal kellek minn dawn il-gruppi. Kien hemm ukoll swali fl-irħula, dawk fil-każini tal-banda, fosthom iż-żewġ każini tal-Banda fil-Ħamrun, il-każin tal-Banda Konti Ruġġieru fir-Rabat u Stella Maris f'Tas-Sliema li wkoll kien ikollhom konkorrenza tajba l-aktar miż-żgħażagħ tal-lokal u l-inħawi.




*Kienu frekwenti d-dances fil-każini tal-baned fis-sittinijiet. Dan huwa dance li kien sar fil-Każin tal-Banda Konti Ruġġieru fir-Rabat fis-7 ta' Novembru 1965. Il-beat group kien The Luvers li kien popolari f'dawk iż-żminijiet.*

Id-dances kienu jsiru l-Ħadd iżda fit-tieni parti tas-sittinijiet kienu bdew jinżammu wkoll dances nhar ta' Sibt, iżda dawn ma tantx kellhom suċċess, għalkemm il-prezz tad-dħul kien wieħed raġjonevoli. Fl-istaġun xitwi tal-1966/67, id-dances organizzati nhar ta' Sibt fil-Workers Memorial Building fil-Belt kienu qed ikun popolari b'mijiet taż-żgħażagħ preżenti. Fl-istaġun ta' wara, dak tal-1967/68, l-attendenzi naqsu sew.

Jekk wieħed jannalizza d-dances imtellgħin bejn Ottubru tal-1967 u Mejju 1968, wieħed jifhem aktar ix-xenarju ħaj u elettrifikanti. Fil-Phoenicia fil-Furjana, mijiet ta' żgħażagħ kienu qed jattendu d-dances ta' nhar ta' Ħadd organizzati mill-United Dance Organisation (U.D.O.) flimkien mal-beat group, The Echoes. Fis-sala tal-Università l-Qadima fil-Belt, għalkemm kien hemm iddoqqu gruppi li ma kellhomx daqshekk popolarità, xorta kien qed jiġbed attendenza numeruża.



*Il-grupp The Echo waqt dance fir-Radio City l-Ħamrun fit-tieni nofs tas-snin sittin.*

Fil-Hollywood fil-Ħamrun, għal tliet xhur sħaħ ta' bejn tmiem is-sena tal-1967 u l-ewwel ġimgħat tal-1968, kienu jittellgħu dances organizzati minn Mick Jagger Wanese u Aldo fejn għal kull dance kien ikun hemm mijiet ta' żgħażagħ jiżfnu għad-daqq ta' żewġ gruppi popolari, Trend, (li f'Settembru tal-1968 kien diġa sparixxa mix-xena) u l-Malta Bums. Fil-jiem tal-Karnival tal-1968, kienu saru dances kbar fil-Hollywood bis-sehem ta' tliet gruppi lokali: Trend, Bums u l-Echoes.

Ir-Radio City fil-Ħamrun kien imfittex sew għad-dances. Fil-festa tal-Vitorja tat-8 ta' Settembru 1968 kien sar dance organizzat minn U.D.O. fejn kien daqq il-grupp The Echoes. Dan il-grupp kien daqq għall-ewwel darba t-Tarantella Udiana. L-organizzaturi ta' dan id-dance b'turija ta' rispett kienu tawhom tamborlin filwaqt li xi ammiraturi offrew bukkett tal-fjuri lil The Echoes. Fl-istess dance, kienet saret għall-ewwel darba 'kaxxa nfernali' mużikali fejn bħala rigali ngħataw kwantità kbira ta' sigaretti mogħtija minn Du Maurier. Kienu żminijiet differenti mil-lum fejn id-distributuri tas-sigaretti kienu jirriklamaw kull fejn setgħu.

Fil-21 ta' Settembru ta' dik is-sena, l-istess grupp kien daqq fir-Radio City f'dance li kien organizzat mill-U.D.O. fejn it-tfajliet kienu ddaħħlu mingħajr ħlas. F'din l-attività kien inżamm għall-ewwel darba l-konkors tas-sbuħija 'Miss Indipendence'. Ir-rebbieħa kienet tfajla ta' 16-il sena, Marthese Debono li kienet mistiedna mill-U.D.O. biex tidħol għal kull dance organizzat minnhom b'xejn.

Fil-Palace Theatre, f'Raħal il-Ġdid, liema teatru kien imfittex sew, fl-istaġun 1967/68 kien hemm grupp residenti kif ukoll gruppi oħra li kienu jallegraw iż-żgħażagħ, l-aktar minn naħa t'isfel ta' Malta li kienu qed jattendu regolarment għal dawn id-dances. Freddie Portelli jiftakar li fl-inħawi tal-Palace kien ikun hemm serbut ta' karozzi biż-żgħażagħ fihom sejrin għad-dance u mhux l-ewwel darba li kont tispiċċa f'xi nofs argument sħun bejn iż-Żwieten u l-Beltin.

## L-Organizzaturi tad-Dances

Il-United Dance Organisation (U.D.O.) kienet l-ewwel għaqda li bdiet torganizza d-dances f'Malta fis-sittinijiet. Kienu l-aktar segwiti miż-żgħażagħ u l-addoloxenti ta' dak iż-żmien. L-U.D.O. kienet ilha żmien twil taħdem f'dan l-ambitu u organizzat l-aħjar divertiment ta' żfin modern tas-sala, contests ta' kull għamla, social evenings, u oħrajn.

Il-pilastri ta' din l-organizzazzjoni kienu Armando Urso, li għal xi żmien kien iċ-ċerman tal-organizzazzjoni; Wilfred Borg, Joe Galea u Ronnie Said. Armando Urso, l-aktar wieħed magħruf fosthom kien beda l-karriera kmieni ħafna fiċ-ċkunitu fil-qasam teatrali, fi produzzjonijiet bit-Taljan, Ingliż, Franċiż u Malti fejn wera l-ħila tat-talent fil-karratru ta' komiku simpatiku. Minn kmieni, wera inklinazzjoni inimitabbli fil-mimika u l-makkjetti. F'dak iż-żmien kien jibbrilla fuq ir-Rediffusion u l-istazzjon televiżiv MTV, fosthom f'sensiela ta' programmi mużikali miktuba u preżentati minnu. Fil-qasam teatrali ħadem ħafna ma' bosta atturi komiċi, fosthom dawk ta' Radju Muskettieri. Urso kien ukoll jieħu interess kbir fil-ballroom dancing. Kien organizzatur anzjan ta' socials private u dances pubbliċi. Kien jappartjeni lil S.U.S. Armando Urso kien miet f'Lulju tal-1976 fl-età ta' 58 sena.



*Armando Urso lejn tmiem is-snin ħamsin (Ritratt: Arkivju Nazzjonali)*

Wilfred Borg kien il-fundatur tal-U.D.O. u għal xi żmien segretarju. Qabel waqqaf din l-organiżazzjoni, għal bosta snin kien attiv fil-palk Malti, Ingliż u Taljan. Kellu ħila pożittiva fil-preżentazzjoni u direzzjoni ta' stageshows bħalma kienu jixhdu tajjeb il-VICWILF Productions u l-WILFOLLOIES u impreżi oħrajn. Qabel ma waqqaf il-U.D.O, Wilfred kien issieħeb ma' żewġ organizzazzjonijiet taż-żfin, il-S.V.D.C, S.U.S u l-Gay Foyers li kienu formazzjonijiet formidabbli ħafna ta' dawk iż-żminijiet fost tant u tant oħrajn żgħar li bejniethom kien hemm ċerta rivalità.

Joe Galea kien magħruf għall-organizzazzjoni serja tiegħu u għad-determinazzjoni għall-ksib tas-suċċess, kemm soċjali kif ukoll finanzjarju. Galea kien il-moħħ wara l-Gay Foyers. Ronnie Said li kien magħruf sew mad-dilettanti taż-żfin, kien attiv u mimli enerġija u entużjażmu. Kellu għal qalbu l-festi tal-karnival fejn ukoll kien jorganizza kumpaniji taż-żfin. Qabel ingħaqad mal-U.D.O, Ronnie Said kien fl-organizzazzjoni tal-S.U.S.

Charmarsals, kienet organizzazzjoni oħra tad-divertiment f'Malta. Emmanuel Saliba, l-organizzatur tagħha, barra li kien jorganizza d-dances, kien jamministra postijiet fejn fihom ikun hemm divertiment ieħor, fosthom il-bar tal-Valletta FC. Saliba kellu x'jaqsam mat-teatru tal-Università u mal-istadium tal-Gżira.(7)

Dawn huma ftit mill-memorji sbieħ li għexet il-ġenerazzjoni li llum irtirat mill-ħidma tagħha, uħud minhom jinsabu f'xi residenza għall-anzjani u oħrajn ħallewna. Kienet il-ġenerazzjoni tas-snin tad-deheb li għexu l-konflitt politiku-reliġjuż u t-taqliba soċjali li ġabet l-Indipendenza. Id-dances kienu l-faxxinu ta' nhar ta' Sibt u l-Ħadd li flimkien mal-appuntament mal-liżar taċ-ċinema u xi mixja minn Putirjal sal-Main Guard jew xi passiġġata fuq il-front ta' Tas-Sliema kienet il-ħarġa ta' tmiem il-ġimgħa.

*Those were the days...*

**Noti u Referenzi**


1. In-notifikazzjoni tal-Gvern Nru 391 tat-13 t'Awwissu 1945 li kienet tipprovdi biex il-postijiet tad-divertimenti jagħlqu fil-ħdax ta' billejl, jekk ma jkollhomx permess speċjali biex jibqgħu miftuħin wara dan il-ħin, issa ġiet imħassra, u bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 418 tal-1957, dawn il-postijiet setgħu jibqgħu miftuħin sa nofsillejl, u d-dances sas-siegħa ta' filgħodu, kemm-il darba ma jkunx hemm raġunijiet tajba biex dawn il-ħinijiet jitnaqqsu, u meta l-ħlas tal-estensjoni jkun sar lid-Dipartiment tal-Pulizija. Ara Arkivju Nazzjonali ta' Malta (ANM), Rapport tad-Debates tal-Assemblea Leġislattiva. L-Ewwel Sessjoni, Ħames Leġislattiva, p.7290.
2. ANM, Pol 776/1956.
3. Il-Berqa, 27 ta' Marzu 1957.
4. Il-Berqa, 26 ta' Marzu 1957.
5. Charles Camilleri kien ġie Malta flimkien ma' ommu, is-Sinjura Josephine Camilleri li kienet ta' għajnuna kbira għalih fit-trijonf tiegħu u s-Sur Vincent Lofaro minn Raħal il-Ġdid li għenu ħafna fil-kunċerti tiegħu fl-Ingilterra. Ara wkoll Il-Berqa, 23 ta' Jannar 1957, 9 ta' Marzu 1957, 15 ta' Marzu 1957.
6. Il-Berqa, 25 ta' Marzu 1957.
7. Beat Magazin, Settembru 1968 No.1 sa Diċembru/Jannar 1969, No.3.


*Ħajr lill-istaff tal-Arkivju Nazzjonali, Biblioteka Nazzjonali u l-Librerija tal-Melitensia fl-Università ta' Malta.*




